MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 191/2000/1

**Mary Fava**

**v.**

**Natal Fava**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, Sezzjoni Familja: wahda sentenza parzjali[1] moghtija fis-6 ta' Ottubru 2010 u l-ohra sentenza finali moghtija fit-28 ta' Marzu 2013. Fl-ewwel sentenza, dik il-Qorti cahdet il-pretenzjoni tal-konvenut li l-benefikati li kienu saru fid-dar konjugali jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, minkejja li l-fond ma kienx jifforma parti mill-assi tal-istess komunjoni. Fit-tieni sentenza, dik il-Qorti ddikjarat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u ordnat id-dekadenza reciproka tal-partijiet mid-drittijiet successorji, iddikjarat xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u, wara li llikwidatha, assenjatha bejn il-partijiet, ordnat ukoll lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari fl-ammont ta' mitejn u sebgha u hamsin Euro (€257) fix-xahar ghal perjodu ta' 10 snin mid-data tas-sentenza, u awtorizzat lill-attrici sabiex tibqa tabita fid-dar numru 34 Sqaq Papa Klement, l-Gharb.

**L-Appell**

[1] Vol.II – Fols.480 et seq.

*<u>Is-Sentenza Appellata tas-6 ta' Ottubru 2010</u>*

**2.** Fis-sustanza din is-sentenza tirrigwarda l-pretenzjoni tal-konvenut li l-benefikati kollha li saru fl-imsemmi fond, fis-snin 1993 u 1994, liema fond inizjalment kien proprjeta` taz-zijiet tal-attrici, Maria u Carmela, ahwa Agius, jigu valutati u komputati fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bhala kreditu tal-komunjoni, tenut kont li sussegwentement, mal-mewt ta' Carmela Agius fis-26 ta' Mejju 1996, nofs indiviz tal-istess fond wirtitu l-attrici bhala legatarja, u ghalhekk illum din hija ko-proprjetarja tal-fond inkwistjoni flimkien ma' Maria Agius.

**3.** L-attrici min-naha taghha qed toggezzjona li dan il-kreditu tal-komunjoni jitqies fil-gudizzju odjern stante li dan huwa kreditu favur terzi li mhumiex parti fil-kawza. Inoltre, l-attrici ma wirtitx in-nofs indiviz bhala eredi, izda bhala legatarja, filwaqt li l-uzufrutt tal-fond thalla liz-zija l-ohra Maria Agius. L-attrici ssostni li l-kreditu tal-komunjoni huwa fil-konfront ta' terzi, u cioe` zijitha Maria Agius, u omm l-attrici bhala eredi universali ta' Carmela Agius, u mhux kontra taghha.

**4.** L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"- - Omissis - -

"Fil-kors tas-smiegh tal-provi l-konvenut beda jippretendi illi fl-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti kellhom jidhlu l-benefikati maghmula fid-dar matrimonjali matul iz-zwieg, hafna minnhom maghmula minnu personalment bix-xoghol manwali tieghu. Ghalhekk talab illi dawn il-benefikati jigu stmati u kkalkolati fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, biex huwa mbaghad ikun jista' jiehu sehmu mill-ispejjez maghmula ghal dawn il-benefikati bhala kreditu tieghu kontra l-istess komunjoni tal-akkwisti.

"Gara illi l-kontendenti meta rritornaw mis-safar marru joqghodu f'dar qadima li kienet proprjeta` taz-zijiet materni tal-attrici, certi Carmela u Maria ahwa xebbiet Agius. Billi din id-dar kienet tirrikjedi bosta xoghlijiet biex tigi modernizzata u resa abitabbli bil-kumditajiet li wiehed illum jistenna f'dar residenzjali, il-kontendenti ghamlu diversi xoghlijiet, anke edilizji, u nefqu bosta spejjez fiha. L-imsemmija Carmela Agius mietet fis-26 ta' Mejju 1996[2], u bl-ahhar testment taghha[3] halliet sehmha mill-fond numru 34, Triq il-Blata, Gharb, (illum Triq Papa Klement), u cioe` d-dar residenzjali tal-kontendenti, b'titolu ta' legat lill-attrici, ghal wara l-mewt ta' ohtha l-uzufruttwarja Maria Agius.[4] Il-konvenut, filwaqt illi jammetti illi ghal dak li jikkoncerna lil Maria Agius, li ghadha mimlija bil-ghomor, kwalunkwe valutazzjoni maghmula f'dan ir-rigward permezz ta' din il-kawza ma tistax taffettwaha, bhala terz li mhix parti fil-kawza, jinsisti illi tali valutazzjoni xorta wahda ghandha ssir u nofs mill-ispiza tal-benefikati jkunu mputabbli fuq l-attrici, billi llum hija proprjetarja tan-nofs indiviz minn din id-dar.

"Imma l-konvenut donnu qed jinjora l-fatt illi l-attrici thalliet sehem id-*decujus* minn din id-dar b'titolu ta' **legat** u mhux bhala eredi taghha, u kif sewwa indikat l-attrici fin-Nota tal-Osservazzjonijiet taghha, l-Artikolu 732(2) tal-Kap. 16, jaghmilha cara illi: **"Jekk il-haga mhollija legat tkun marbuta b'ipoteka ghal djun ohra, dak li ghandu jhallas il-legat hu fid-dmir li jaghmilha hielsa, meta t-testatur ma jkunx ordna xort'ohra."**

"Fil-kaz taghna ma jissemma xejn f'dan ir-rigward fit-testment tad-*decujus*. Ghalhekk huwa fid-dover tal-eredi, fil-kaz taghna, Maria Mizzi, omm l-attrici,

[2] Ara certifikat esebit a fol. 428 tal-process.
[3] Ara ricerki a fol. 429-433
[4] Ara testment taghha tad-29 ta' Novembru 1991 esebit bhala Dok. D a fol. 435-436

> bhala eredi universali tad-*decujus*, li tghaddi dan il-legat lil bintha hieles minn kwalunkwe djun li jista' jkun mghobbi bihom, inkluz ghalhekk kwalunkwe hlasijiet ghal benefikati li jistghu jkunu dovuti lill-konvenut.
>
> "Billi ghalhekk, l-attrici, bhala legatarja ta' sehem zijitha mejta Carmela Agius mid-dar matrimonjali, qatt ma tista' tkun dovuta thallas xi spejjez ghal benefikati maghmula fl-istess dar, lanqas ma ghandu l-valur ta' dawn il-benefikati jitqies ghal fini tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti."

**5.** Il-fatti relevanti huma dawn. Huwa pacifiku li fis-snin 1993 u 1994, meta l-partijiet kienu gew lura mill-Awstralja, huma marru joqoghdu fil-fond *de quo* proprjeta` ta' Maria u Carmela, ahwa Agius u zijiet materni tal-attrici. Minkejja li l-fond kien ta' terzi, il-partijiet ghamlu diversi xoghlijiet u benefikati f'dan il-fond.

**6.** Fis-26 ta' Mejju 1996 mietet l-imsemmija Carmela Agius li b'testment ippubblikat fid-29 ta' Novembru 1991 halliet diversi legati. Hija halliet lil ohta Maria Agius l-uzu u l-uzufrutt tal-beni kollha taghha u nnominat bhala eredi universali tal-gid kollu taghha lil Liza mart Michael Mizzi, omm l-attrici.

**7.** Bis-sahha tal-Artikolu 3 tal-istess testment l-imsemmija Carmela Agius iddisponiet mis-sehem taghha ta' nofs indiviz tal-imsemmi fond billi hallietu b'titolu ta' legat lill-attrici konsegwibbli wara l-mewt tal-imsemmija Maria Agius,

allura uzufruttwarja, b'dan illi l-legatarja tkun daret bit-testatrici u rrenditilha s-servigi mehtiega sal-epoka tal-mewt taghha.[5]

**8.** Fil-fehma ta' din il-Qorti s-soluzzjoni tal-vertenza tinsab f'dak li jghidu l-Artikoli 732 [2] u 836 tal-Kap.16. L-Artikolu 836 jghid:

> "Il-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt".

**9.** Filwaqt li l-Artikolu 732 [2] jghid:

> "… Jekk il-ħaġa mħollija legat tkun marbuta b'ipoteka għal djun oħra, dak li għandu jħallas il-legat hu fid-dmir li jagħmilha ħielsa, meta t-testatur ma jkunx ordna xort'oħra."

**10.** B'applikazzjoni tal-premess, jigi osservat li fil-kaz prezenti, ghalkemm ix-xoghlijiet li saru fil-fond *de quo* matul iz-zwieg u l-ispejjez li ntefqu ghal dan il-ghan mill-assi tal-komunjoni, jikkostitwixxu bazi ta' kreditu tal-komunjoni ezistenti bejn il-partijiet, izda ghal dan il-kreditu m'ghandhiex tirrispondi l-attrici izda l-eredi tal-mejta Carmela Agius, cioe` Liza Mizzi li fuqha jinkombi l-obbligu bil-ligi li thallas il-pizijiet kollha tal-wirt, u ohtha l-ohra Maria Agius bhala ko-propretarja tan-nofs l-iehor.

[5] Vol.II – Fol.435

**11.** Ghalhekk ladarba l-kawza prezenti hija wahda ta' separazzjoni personali u li ghalhekk tikkoncerna biss il-partijiet, u ladarba kemm Liza Mizzi u kemm Maria Agius mhumiex parti fil-proceduri odjerni, l-ewwel Qorti kellha ragun tichad it-talba tal-konvenut sabiex issir il-valutazzjoni tax-xoghlijiet li saru fid-dar konjugali stante li dan il-kreditu tal-komunjoni ma setax jigi vantat, la in parte u lanqas in toto, fil-konfront tal-attrici, *multo magis* meta jigi kkunsidrat li mill-provi ma jirrizultax li l-attrici giet immessa formalment fil-pussess, u dan minkejja li fl-atti l-attrici vverbalizzat li hi ghandha nofs indiviz tal-fond de quo. Dan il-fatt ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni ta' din il-Qorti, stante li biex jigi gudizzjarjament stabbilit il-valur tal-benefikati li saru fil-fond dejjem jehtieg li dan isir fi proceduri li fihom il-proprjetarji kollha jkunu parti.

**12.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Is-Sentenza Appellata tat-28 ta' Marzu 2013*

**13.** Il-konvenut appellant jibbaza l-appell tieghu fuq zewg aggravji: wiehed li jikkoncerna l-manteniment li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas lill-attrici, u l-iehor jirrigwardja l-qasma u l-assenjazzjoni tal-gid tal-komunjoni bejn il-partijiet.

*L-ewwel aggravju*

**14.** Fil-parti relevanti taghha s-sentenza appellata taqra hekk:

**“Manteniment:**

“Minkejja d-divorzju li ser jiġi ppronunzjat permezz ta’ din is-sentenza, l-artikolu 66B(C) tal-Kap.16 jesiġi li kwalunkwe manteniment li huwa dovut minn naħa jew oħra, għandu jibqa’ jitħallas. Fil-każ in eżami l-attriċi *pendente lite* kienet qed titħallas mingħand żewġha bħala manteniment għaliha u għal binha minuri is-somma ta’ mitejn u għoxrin lira maltija (Lm220) fix-xahar.[6] Permezz tad-digriet ta’ l-20 ta’ Ġunju 2002 ġie kkjarifikat li minn dan l-ammont, Lm110 kien dovut lill-attriċi.[7] Din ir-retta alimentari baqgħet titħallas tul il-kors kollu tas-smiegħ ta’ din il-kawża, u qatt ma kien hemm ebda lmenti dwar xi dewmien fil-ħlas tagħha. Kif ġie stabilit mir-rappresentant tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali ftit inqas minn sena ilu, l-attriċi kienet qed tirċievi għajnuna supplementari ta’ €3.92 kull jum, li allura jġibu €119.23 fix-xahar. Ma dawn jiżdiedu pensjoni li tirċievi mill-Awstralja fl-ammont ta’ €100.28 fil-ġimgħa, li jfissru €434.54 fix-xahar.[8] L-attriċi tagħmel ukoll xogħol sporadiku bħala *cleaner* għax tgħid li altrimenti ma tlaħħaqx ma’ l-ispejjeż tal-ħajja, li minnu ddaħħal madwar €100 ieħor fix-xahar.[9] B’kollox għalhekk jiġu: €653.77 fix-xahar.

“Minn naħa l-oħra l-konvenut idaħħal €886.77 fix-xahar mill-pensjoni ta’ l-Awstralja.[10] Fil-present ma jidhirx li għandu xi introjtu ieħor, ħlief presumibilment l-għajnuna soċjali minħabba d-dispimpieg. Il-konvenut żarma n-negozju tiegħu ta’ kuntrattur tal-bini madwar tliet snin ilu, allegatament minħabba nuqqas ta’ kummissjonijiet. Infatti mill-affidavits ta’ Pauline Grima,[11] u ta’ Raymond Vella[12] jidher li l-aħħar li ordna ġebel u konkos kien f’Mejju 2010. Wara mar jaħdem ma’ kuntrattur ieħor, imma ttermina l-impieg tiegħu billi l-ħinijiet tax-xogħol kienu nkompatibbli mal-ħinijiet li fihom ried igawdi aċċess għal ibnu ż-żgħir.[13] Irriżulta wkoll li ftit wara l-konvenut kien applika biex jaħdem bħala xufier tal-*buses* mal-kumpanija Arriva, imma ma ġiex aċċettat minħabba li l-kondotta tiegħu mal-Pulizija ma kienitx netta.[14] Il-konvenut jgħid li minħabba f’hekk llum m’għadux f’posizzjoni jibqa’ jħallas manteniment lil martu, anke għaliex qed iħallas retta alimentari ta’ €100 fix-xahar għal ibnu ż-żgħir.[15] Isemmi wkoll id-dejn li għad għandu relatat man-negozju tiegħu.[16] Madankollu wieħed jifhem li dan id-dejn ikun jista’ jiġi saldat, jekk sa’ llum għadu ma ġiex, wara li l-konvenut jitħallas mill-komittenti li għalihom kien sar il-bini relattiv.

“Il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm il-konvenut illum għandu 54 sena, jidher li għadu jiflaħ għax xogħol, anke jekk forsi mhux iżjed fil-ġebel. Għalhekk

[6] Ara digriet relattiv a fol.29
[7] A fol.149
[8] Ara deposizzjoni ta’ Patrick Grima tal-15.06.12 a fol.537 - 538 u Dok.PGG 1 a fol.525
[9] Ara deposizzjoni ta’ Daniel Pace ta’ l-istess gurnata a fol. 539 -541 6
[10] Ara Dok.Z datat il-5.11.12 a fol. 562
[11] Dok.Z 2 a fol.564
[12] Dok.Z 3 a fol.569
[13] Ara deposizzjoni tal-konvenut tat-30.11.12 a fol. 609 – 621 u Dok.A a fol.630
[14] Ara xhieda ta’ Christine Camilleri a fol.605 u Dok.CC 1 a fol.596
[15] Ara kopji tac-*cheques* relattivi a fol. 571 -595
[16] Ara l-istess deposizzjoni tieghu tat-30.11.12 u affidavits ta’ Pauline Grima u Raymond Vella gia msemmija

m'għandux jaħrab mir-responsabilita' tiegħu li jibqa' jmantni lil martu, anke jekk il-piżijiet finanzjarji tiegħu żdiedu minħabba konsegwenzi li martu ma kellha xejn x'taqsam magħhom, u dan kif ġie ritenut kemm il-darba fil-ġurispudenza.[17] Konsegwentement, wara li qieset sew iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tiddikjara illi huwa għandu jibqa' jħallas lill-attriċi l-istess retta alimentari li qed iħallas presentement u ċioe' mitejn seba' u ħamsin euro (€ 257) fix-xahar u dan għal perijodu ta' għaxar (10) snin mid-data ta' din is-sentenza."

**15.** L-ilmenti tal-konvenut dwar din il-parti tas-sentenza huma s-segwenti: li skont il-ligi, u precizament l-Artikolu 2[2] u 3 tal-Kap.16 il-konjugi fiz-zwieg ghandhom drittijiet u responsabbiltajiet indaqs, u l-attrici ma tistax tippretendi li tibqa tigi mantnuta bi dritt; li l-attrici ghandha introjtu ta' sitt mija, tlieta u hamsin Euro (€653) fix-xahar li huwa ammont superjuri ghal dak li jibqa lilu ghal ghejxien tieghu; li l-attrici ghadha tiflah tahdem, u ghandha l-potenzjali biex tkompli tahdem; li t-tfal illum huma maggjorenni, it-tnejn jahdmu u joqghodu mal-attrici u ghalhekk "jikkontribwixxu finanzjarjament ghall-*upkeep* taghhom"; li l-attrici qed tghix f'dar bil-kumditajiet kollha li hallielha hu minghajr il-htiega li thallas kera.

**16.** Min-naha taghha l-attrici tilqa' ghal dawn il-lanjanzi billi tghid: li l-konvenut reha n-negozju li kellu ta' kuntrattur tal-bini, u anke l-impieg li kellu sussegwenti, u rrifjuta offerti li kellu ta' xoghol; li hu ghandu potenzjal aktar mil-attrici li jahdem tenut kont li ghandu kapacita` lavorattiva tajba, kemm mill-lat ta' sahha, kif ukoll mil-lat ta' esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni u ghad

[17] Ara e.z. Prim'Awla: Charmaine Zahra v Alfred Zahra: 27.06.2003, u Appell: Doris Mizzi v Mario Mizzi: kollez. vol. XXXVIII.ii.520

ghandu fil-pussess tieghu l-ingenji tax-xoghol tieghu; li l-fatt li ghandu tarbija minn mara ohra hija responsabbilta` tieghu li ghandu jerfaghha hu billi jahdem izjed. L-attrici tissenjala wkoll il-fatt li qrib iz-zmien tad-decizjoni tal-Qorti l-konvenut waqaf jahdem b'tentattiv li jahrab l-obbligu tieghu li jmantni lill-attrici.

**17.** In tema legali din il-Qorti tosserva li, ghalkemm bil-pronunzjament tal-hall taz-zwieg jispiccaw l-effetti legali principali taz-zwieg, senjatament l-obbligu tal-koabitazzjoni, kif ukoll id-drittijiet successorji reciproci bejn il-partijiet, izda l-Artikolu 66B[c] tal-Kap.16 jghid espressament li d-divorzju ma jistax jinghata jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li *"il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut.".* Dan ifisser li fejn hu dovut manteniment lil wiehed mill-konjugi, dan il-manteniment ghandu jibqa jigi somminstrat anke wara l-pronunzjament tal-hall taz-zwieg, salv ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 66M dwar id-dekadenza minn dan id-dritt fil-kaz li l-konjugi mantnut jerga' jizzewweg jew jidhol f'relazzjoni ma' terza persuna, li tkun iggib maghha l-obbligu da parti ta' din tal-ahhar li tissupplixxi hi manteniment lil dak il-konjugi.

**18.** Ghalhekk, fid-dawl ta' dan l-aggravju, dak li jehtieg li jigi ezaminat huwa jekk l-ewwel Qorti ghamlitx apprezzament korrett tal-provi meta waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu jibqa' jissomministra manteniment lill-attrici

wara s-sentenza, u jekk il-*quantum* tal-manteniment stabbilit minn dik il-Qorti kienx fic-cirkostanzi “adegwat”.

**19.** Fir-rigward huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet:

**20.** [a] Ghalkemm kien hemm zmien li fih l-attrici kienet tahdem matul iz-zwieg il-possibilita` li tkompli tahdem f’impieg regolari kienet giet ridotta sostanzjalment meta twieldu t-tfal tal-partijiet, u filwaqt li zewgha l-konvenut li kien jahdem bhala kuntrattur fil-kostruzzjoni kien il-konjugi li kien isostni lill-familja finanzjarjament, is-sehem tal-attrici kien jikkonsisti fit-trobbija taz-zewgt itfal tal-partijiet, u filli tiehu hsieb il-facendi tad-dar u tal-familja. Illum dawn it-tfal saru maggorenni u baqghu jghixu mal-attrici fid-dar konjugali.

**21.** [b] Jirrizulta wkoll li, ghalkemm l-attrici ghandha pensjoni mensili ta’ erba’ mija, erbgha u tletin Euro u erbgha u hamsin centezmi (€434.54) mill-Awstralja, hija sfat kostretta taghmel xoghol sporadiku bhala *cleaner* kull fejn issib sabiex tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja, izda m’ghandhiex impieg regolari u adegwat b’mod li tista’ tistrieh fuq l-introjtu tieghu ghall-ghejxien dicenti taghha. Fil-fatt minn dan ix-xoghol iddahhal circa mitt Euro (€100) fix-xahar. Huwa relevanti wkoll li l-attrici llum ghandha ’il fuq minn 50 sena u ghalhekk,

tenut kont ukoll tal-fatt li hi ilha nieqsa mid-dinja tax-xoghol ghal tul ta’ zmien, il-probabbilita` li llum issib impieg regolari u b’introjtu adegwat hija remota.

**22.** [c] Ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-attrici tircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali l-ammont ta’ mija u dsatax-il Euro u tlieta u ghoxrin centezmi (€119.23) fix-xahar bhala ghajnuna supplimentari, fil-fehema ta’ din il-Qorti, dan il-fatt apparti milli juri l-inadegwatezza tal-mezzi finanzjarji taghha ghal hajja dicenti, m’ghandhux jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-ammont tal-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut lill-attrici, ghax l-obbligu tal-hlas tal-manteniment mhuwiex fuq l-iStat izda primarjament fuq il-konvenut zewgha.

**23.** [d] Li t-tezi tal-konvenut, li jghid li ma jahdimx ghax ma jistax isib xoghol li jippermettilu jkollu aktar hin u granet ta’ access ma’ ibnu minuri li twieled barra z-zwieg, hija insostenibbli legalment u fattwalment.

**24.** Hija insostenibbli <u>legalment</u> ghax l-obbligu li l-konvenut ghandu bhala genitur li jmantni u jkollu relazzjoni kemm jista’ jkun wiesgha ma’ dan ibnu minuri, m’ghandhux jkun a skapitu tal-obbligu tieghu li jmantni lill-attrici li kienet martu ghal snin twal, u hekk kif kien jahdem meta t-tfal tal-partijiet kienu ghadhom minorenni u kienu ghadhom qed jitrabbew bl-ghajnuna kostanti tal-

attrici, l-istess ghandu jibqa jaghmel issa la darba hu ghazel li jgib tarbija ohra fid-dinja rizultat ta' relazzjoni extra matrimonjali.

**25.** It-tezi tal-konvenut hija insostenibbli wkoll fattwalment ghax mill-provi ma rrizultax li dan ibati minn xi kundizzjoni medika li timpedih milli jsib impieg regolari b'introjtu adegwat. Jirrizulta li l-konvenut kien ghamel snin twal jahdem bhala kuntrattur, u llum 'il gurnata, ghalkemm kiber fl-eta`, ghadu jista' jkompli jahdem, anke billi jimpjega n-nies kif kien jaghmel fil-passat sabiex jaghmlu x-xoghol ta' strapazz. Ghalhekk il-konvenut ghandu kemm is-sahha kif ukoll l-esperjenza mehtiega sabiex ikompli bix-xoghol li kien jaghmel qabel, u ma rrizultax li l-kapacita` lavorattiva tieghu ghax-xoghol spiccat. Barra minnhekk hija gratuwita u xejn verosimili l-allegazzjoni tieghu li x-xoghol ta' kostruzzjoni f'Ghawdex naqas tant li ma setax isib aktar xoghol.

**26.** Inoltre, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti, l-attrici hija estranea ghall-awment tal-piz finanzjarju li gab fuqu l-konvenut meta ghazel li jgib tarbija fid-dinja minn mara ohra, u ghalhekk mhux lecitu li jghabbi lil martu b'dan il-piz, billi ma jhallasx il-manteniment dovut lilha.

**27.** [e] Finalment jinghad li, ghalkemm l-ewwel Qorti fil-parti operattiva tas-sentenza ma specifikatx li l-htija tat-tkissir taz-zwieg kienet tirrisjedi unikament

fuq il-konvenut, mill-konsideranda tas-sentenza, jirrizulta car li dik il-Qorti attribwiet dan il-fatt lill-konvenut, u senjatament ir-relazzjoni extra-matrimonjali li hu kellu ma’ mara ohra u li minnha twieldet tarbija. Dan wassal sabiex l-ewwel Qorti allokat lill-konvenut l-ispejjez kollha tal-proceduri quddiemha. Ghalhekk ukoll jispetta lilu li jhallas manteniment lill-attrici bhala l-parti ingurjata.

**28.** Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward, tenut kont ukoll tal-fatt li l-manteniment fissat huwa limitat fiz-zmien, ghal 10 snin, salv dak li jiddisponi l-Artikolu 66M fuq citat.

**29.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

**30.** Il-parti tas-sentenza appellata relevanti ghal dan l-aggravju taqra hekk:

> **“Likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti:**
>
> **“(a) immobbli:**
>
> “Ma jirriżulta li fadal għal qasma ebda beni mmobbli li l-partijiet akkwistaw matul iż-żwieġ tagħhom. Id-djar li kellhom fl-Awstralja, ġew mibjugħa kull darba li kienu ser jirritornaw f’dawn il-gżejjer. Ġia ġie mfisser fis-sentenza *in parte* tagħha tas-6 ta’ Ottubru 2010, li d-dar matrimonjali fl-Għarb kienet ġiet mislufa lill-partijiet miz-zijiet materni ta’ l-attriċi. Illum din tipposjedi n-nofs indiviż minn

din id-dar, li pero' għadha soġġetta għall-użufrutt ta' zija minnhom li għadha ħajja.[18] Il-konvenut kien qed jipppretendi li jiġi kkumpensat tal-benefikati li kien għamel f'din id-dar meta l-partijiet rritornaw mill-Awstralja għal kollox. Imma, kif ġia ġie deċiż b'dik is-sentenza, l-konvenut m'għandu ebda dritt jirreklama mingħand l-attriċi ebda kumpens għal dawn il-benefikati.

**"(b) mobbli:**

"1. Attiv: Dawn jikkonsistu (i) fl-għamara u diversi oġġetti oħra tad-dar li jinsabu fid-dar matrimonjali, u (ii) inġenji, għodod u vetturi fil-pussess tal-konvenut in konnessjoni max-xogħol li kellu bħala kuntrattur.[19] Il-kontendenti mhumiex jaqblu dwar il-konsistenza u valur preċiż ta' dawn l-assi.[20] Kien hemm xi depositi bankarji fl-Awstralja, li pero' l-parti l-kbira minnhom (ammontanti għal xi Lm1000) ġew *ex admissis* irtirati mill-attriċi fis-7 ta' Novembru 2000, u ċioe' ftit jiem biss wara li ġiet intavolata din il-kawża, billi ġiet bżonn il-flus. Baqa' biss kont wiehed fil-Commonwealth Bank of Australia b'bilanċ ta' Aust.$ 267.87.[21]

"Il-konvenut, ta' l-inqas sa nofs is-sena elfejn u għaxra (2010), kien għad għandu n-negozju ta' kuntrattur. Hu jgħid li ma tantx kien iħallilu qliegħ dan in-negozju, u nfatti ppresenta diversi rendikonti li saru għhall-finijiet ta' taxxa, li juru li dan ix-xogħol kien qed jirrendilu qliegħ nett annwali ta' madwar Lm4000.[22] Minn dan il-qliegħ, kien kemm kien fil-verita', tul il-perijodu li ilha pendenti din il-kawża, l-konvenut m'għadda xejn lil martu, ħlief ir-retta alimentari ta' Lm110 fix-xahar.

"2. Passiv: dawn jikkonsitu f'diversi djun in konnessjoni max-xogħol tal-bini li kellu l-konvenut, li sa l-aħħar ta' Novembru 2012 kien għadhom ma tħallsux.[23]

"F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li kull naħa għandha żżomm l-oġġetti mobbli fil-pussess tagħha, inkluż il-vetturi. Żgur li l-inġenji u vetturi fil-pussess tal-konvenut m'huma ta' ebda utilita' għall-attriċi. Imma tenut kont tad-deprezzament fil-valur tagħhom matul is-snin, il-fatt li l-attriċi ġia ġabret il-parti l-kbira tad-depositi esteri, kif ukoll li l-konvenut m'hu intitolat għall-ebda kumpens għall-benfikati magħmula fid-dar residenzjali, sempliċement minħabba teknikalita' legali, jidher li somma ta' sitt elef euro (€6000) li qed tillikwida *arbitrio boni viri,* għandha tkun adegwata biex tagħmel tajjeb għal kwalunkwe sehem spettanti lill-attriċi mill-qliegħ tal-negozju tal-konvenut. Minħabba xi djun li jista' għad fadallu l-konvenut, in konnessjoni ma' dan in-negozju, li allura għandu jibqa' hu waħdu responsabbli għalihom, qed jingħata żmien sena għal dan il-ħlas lill-attriċi. Il-bilanċ żgħir li baqa' (jekk għadu hemm) fil-kont bankarju tal-Commonwealth Bank of Australia, qed jiġi assenjat ukoll lill-attriċi."

[18] Ara kopja tat-testment ta' Carmela Agius, esebita a fol. 435 - 436
[19] ara lista deskrittiva ta' l-attrici a fol 365 u dik tal-konvenut a fol. 367
[20] Ara noti taghhom a fol. 370 u 373
[21] Ara deposizzjoni ta' l-attrici a fol. 389 u Dok.A a fol.388
[22] Ara dokti.A, B, D u E a fol.354 - 358
[23] Ara affidavits ta' Pauline Grima u Raymond Vella gia ndikati, u dokti. a fol.565 – 568 u 579

**31.** Dan jirrigwardja l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u l-pjan ta' qasma maghmul mill-ewwel Qorti. Il-konvenut jghid li fil-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni ma ttehidtx kont tal-benefikati li l-komunjoni kienet ghamlet fid-dar konjugali li llum nofsha hi tal-attrici, filwaqt li dwar l-entita` tan-negozju li dam jiggestixxi sas-sena 2010, jghid li l-ewwel Qorti waslet ghal kalkolu b'mod azzardat u nfondat meta ffissat l-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000) bhala sehem l-attrici tal-introjtu tieghu ghal dak il-perjodu li jestendi kwazi 10 snin.

**32.** Inkwantu ghal dik il-parti tal-aggravju li tirrigwarda l-valur tal-benefikati u l-komputazzjoni taghhom fil-likwidazzjoni tal-komunjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju, u ghall-istess ragunijiet tikkunsidra din il-parti tal-aggravju nfondata.

**33.** Din il-Qorti tosserva li mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti waslet ghall-imsemmija figura b'mod azzardat u minghajr bazi. Fil-fatt dik il-Qorti tat spjegazzjoni appozita, u din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward.

**34.** Fl-ewwel lok, mill-provi jirrizulta li almenu sas-sena 2010 il-konvenut li jaghmel xoghol ta' kuntrattur fil-qasam tal-kostruzzjoni tal-bini, kien izomm l-

introjtu tieghu kollu, filwaqt li lil-attrici kien jghaddilha biss mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110) [illum mitejn, sitta u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi (€256.23)] fix-xahar skont id-digriet tal-Qorti. Fil-fatt, ghajr ghal din is-somma mensili, l-attrici ma kienet tippercepixxi xejn min-nofs taghha tal-introjtu li kien jaghmel il-konvenut.

**35.** Fit-tieni lok, jirrizulta li n-negozju tal-konvenut kien ta' certu entita` tant li kellu *crane* bir-*remote control*, vetturi, kumpressur, *scaffolding* b'diversi travetti ghall-armar, magna li taghmel il-lavur, zewg magni li jaqtghu l-gebel u ghodod ohra zghar.[24] Inoltre kellu zewg impjegati mieghu.

**36.** Fit-tielet lok, jirrizulta *ex admissis* li, ghalkemm huwa kien jiddikjara qligh ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) circa fis-sena, huwa ma kienx jiddikjara dak li hu kien idahhal u li fuqu ma kienx ihallas VAT, tant li fix-xhieda tieghu jghid li ma setax jaghti lista tax-xoghlijiet li kien ghamel fl-ahhar 5 snin[25] peress li *"bicca bil-VAT u bicca jkun bla VAT"*[26]*.* Inoltre l-persuna li kienet tiehu hsieb li thejji l-*Profit and Loss Account* tal-konvenut, li la hu komputista u lanqas awditur xehed li hu kien jistrieh biss fuq id-dokumenti li kien jghaddilu l-konvenut. Jghid li hu ma kienx izomm il-kotba tieghu, u lanqas kien jigborlu l-

[24] Ara. Depozizzjoni u Noti: fols.174, , 367 u 373
[25] Dep.29 Ottubru 2002
[26] Fol.204

flus, izda semplicement ihejji l-*balance sheet* ghad-dipartimenti koncernati bl-informazzjoni li kien jghaddilu l-konvenut.[27]

**37.** Fir-raba’ lok jigi osservat li l-entita` tad-dejn maghmul mill-konvenut matul is-snin ghax-xiri tal-materjal ghal bini jimmilita favur it-tezi li n-negozju li kien jiggestixxi l-konvenut ma kienx wiehed zghir. Dejn ta’ gebel kien hemm hmistax-il elf, erba’ mija erbgha u erbghin Euro u tnejn u tletin centezmi (€15,444.32) filwaqt li dejn tal-konkos hemm wiehed u tletin elf u erbgha u tletin Euro u tnejn u tletin centezmi (€31,034.32). Fic-cirkostanzi hi lecita l-prezunzjoni li l-ammont ta’ xiri kemm tal-gebel kif ukoll tal-konkos jirriflettu x-xoghol li kellu l-konvenut, ghax ghandu jkun car li hadd f’sensih mhu ser jixtri l-materjal jekk ma jkollux uzu ghalih, u l-fatt li f’dan il-kaz il-konvenut halla dan id-dejn pendenti ma jsarrafx necessarjament fil-konkluzjoni li n-negozju falla, izda jfisser li jew id-djun ma thallsux minnu volontarjament jew hu ghadu ma thallasx mill-kredituri tieghu. Kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti, dan id-dejn eventwalment jissarraf fi flus meta l-konvenut jigbru minghand id-debitur. Ghalhekk hija ghaqlija d-decizjoni tal-ewwel Qorti li flimkien man-negozju tassenja dan id-dejn lill-konvenut, li min-naha tieghu jzomm dak kollu li jigbor minghand il-kredituri tieghu.

[27] Fol.233 et seq.

**38.** Ferm il-premess din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000) likwidat mill-ewwel Qorti *arbitrio boni viri* fuq l-evidenza li kellha quddiemha mhuwiex wiehed gholi, izda huwa pjuttost baxx. Inoltre, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-kumplament tal-qasma maghmula mill-ewwel Qorti, u li fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti thoss li hija gusta u ekwa.

**39.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut miz-zewg decizjonijiet, bl-ispejjez kollha a karigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------